MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-4 ta' Ġunju, 2018

Rikors Maħluf Numru 216/15LM

**HSBC Bank Malta plc (C 3177)**

***vs.***

**Eurostar Co. Ltd. (C 35940), debitriċi prinċipali u Bartholomeo Bonnici (K.I 770461M) u Mary Bonnici (K.I 151868M) bħala garanti solidali**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fit-8 ta' Marzu, 2015 mill-bank attur **HSBC Bank Malta plc (C 3177)** (minn issa 'l quddiem "il-bank attur"), u maħluf minn Dr Ralph Agius Fernandez għan-nom tal-istess bank, li jgħid kif ġej:

*Illi s-soċjetà Eurostar Co. Ltd. hija debitriċi tal-Bank attur f'dawn l-ammonti segwenti:*

- *L-ammont ta' tlieta u tletin elf, tmien mija u erbgħa u sittin Euro u tnejn u ħamsin ċenteżmi (€33,864.52) rappreżentanti tletin elf u disgħa mija u erba' u*

*ħamsin Euro (€30,954) bħala kapital dovut u elfejn u disa' mija u tnejn u ħamsin ċenteżmi (€2,910.52) bħala interessi sas-6 ta' Frar, 2015 għal faċilità bankarja (Overdraft numru tal-kont: 061 – 202578 – 200) transferut mil-kont numru: 061 – 202578 – 001) oriġinarjament ta' sebgħin elf Euro (€70,000), kif jidher mill-istatement hawn anness bħala Dok. A, liema faċilità bankarja ġiet konċessa b'kuntratt fl-atti tan-Nutar John Spiteri tas-26 ta' Mejju, 2010 (hawn anness u u mmarkat bħala Dok. A2), oltre l-imgħax ulterjuri mis-6 ta' Frar, 2015 sal-pagament effettiv;*

- *L-ammont ta' għoxrin elf, u seba' mija u erbgħa u sebgħin Euro u tmienja u tmenin ċenteżmi (€20,774.88) rappreżentanti għoxrin elf u mitejn u wieħed u sittin Euro u disgħa u ħamsin ċenteżmi (€20,261.59) bħala kapital dovut u ħames mija u tlettax-il Euro u disgħa u għoxrin ċenteżmi (€513.29) bħala interessi sas-6 ta' Frar, 2015 rappreżentanti ammont dovut fuq faċilità ta' self (Loan Facility Account number: 061 – 202578 – 300) oriġinarjament erbgħin elf Lira Maltin (LM40,000) kif jidher mill-istatement hawn anness bħala* ***Dok. B1,*** *liema faċilità bankarja ġiet konċessa b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Tonio Spiteri tat-12 ta' Ottubru, 2015 (hawn anness u mmarkat bħala Dok. B2), oltre l-imgħax ulterjuri mis-6 ta' Frar, 2015 sal-pagament effettiv;*

- *L-ammont ta' mitejn u sitt elef, erba' mija u ħamsa u erbgħin Euro u ħamsa u tmenin ċenteżmi (€206,445.85), rappreżentanti mija u sitta u tmenin elf, erba' mija u disgħa u erbgħin Euro u tmintax-il ċenteżmu (€186,449.18) bħala kapital, u dsatax-il elf u disa' mija u sitta u disgħin Euro u sebgħa u sittin ċenteżmi (€19,996.67) bħala interessi sas-6 ta' Frar, 2015 rappreżentanti ammont dovut fuq faċilità ta' self (Loan Facility number: 061 – 202578 – 301) oriġinarjament mitejn elf Euro (€200,000) kif jidher mill-istatement hawn anness bħala Dok. C1, liema faċilità bankarja ġiet konċessa b'kuntratt fl-atti tan-Nutar John Spiteri tas-26 ta' Mejju, 2010 (hawn anness u mmarkat bħala Dok. C2), oltre l-imgħax ulterjuri mis-6 ta' Frar, 2015 sal-pagament effettiv.*

2. *Illi l-konvenuti Bartholomeo u Mary konjugi Bonnici kkostitwew ruħhom garanti solidali mal-imsemmija kumpanija debitriċi prinċipali favur il-Bank attur kif jidher mill-istess kuntratti esebiti fl-atti tan-Nutar John Spiteri u n-Nutar Tonio Spiteri hawn fuq imsemmija;*

3. *Illi s-soċjetà konvenuta u l-konvenuti l-oħra bħala garanti solidali, għalkemm interpellati għall-ħlas permezz ta' ittri uffiċjali tal-14 ta' Frar, 2014 (Dok. D u E), baqgħu inadempjenti;*

*Għaldaqstant, il-Bank rikorrenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni oħra neċessarja u opportuna, jogħġobha:*

1) *Tiddikjara illi l-konvenuta Eurostar Co. Limited, bħala debitriċi prinċipali, u l-konvenuti Bartholomeo u Mary konjugi Bonnici, bħala garanti solidali, huma debituri solidalment bejniethom fil-konfront tal-bank attur fis-somma globali ta' mitejn u wieħed u sittin elf, u ħamsa u tmenin Euro u ħamsa u għoxrin ċenteżmi (€261,085.25) dovuta kif spjegat hawn fuq;*

2) *Tikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom iħallsu l-imsemmija somma globali ta' €261,085.25;*

3) *Tikkundanna lill-istess konvenuti solidalment bejniethom iħallsu lill-Bank attur l-imgħax ulterjuri ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq il-kapital fuq dovut mis-6 ta' Frar, 2015 sal-pagament effettiv.*

*Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittri uffiċjali tal-14 ta' Frar, 2014 kontra l-konvenuti li huma minn issa inġunti għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenuti **Eurostar Company Limited, Bartolomeo Bonnici** u **Mary Bonnici** (minn issa 'l quddiem "il-konvenuti"), li ġiet ippreżentata fis-27 ta' Marzu, 2015, u maħlufa minn Bartolomeo Bonnici (K.I. 770461M) stess, li biha eċċepew:

1. *Illi fl-ewwel lok, teħtieġ li ssir prova li l-ammonti kollha mħallsa lis-soċjetà konvenuta, tal-ammonti kollha addebitati lid-diversi kontijiet bħala spejjeż u imgħaxijiet, tar-rati tal-imgħax li ġew applikati għad-diversi kontijiet matul l-operazzjoni tagħhom, kif ukoll tal-ħlasijiet kollha magħmula mill-esponenti, billi ma hemmx qbil dwar il-konteġġji u l-ammonti reklamati;*

2. *Illi l-esponenti ma jikkontestawx li kien hemm, biex is-soċjetà konvenuta tissellef mingħand il-Bank attur, l-ammonti li jirriżultaw mill-kuntratti esebiti; madanakollu jeċċepixxu umilment illi l-kuntratti kif iffirmati ma jirriflettux il-ftehim li kellhom l-esponenti mal-istess Bank, billi ġew imwiegħda, in konnessjoni mas-self tas-26 ta' Mejju, 2010 (Dok. C2) li ser jingħataw moratorium ta' sena qabel ma jibdew il-pagamenti, liema moratorium kien essenzjali għall-proġetti kummerċjali kollha li kellha s-soċjetà konvenuta, liema moratorium eventwalment ma ngħatax kif miftiehem, b'mod illi l-Bank attur ħoloq lis-soċjetà konvenuta kriżi ta' likwidità artifiċjali li wasslet biex il-Bank beda japproprja mill-flus li kellhom jiġu mislufa*

*ammonti bħala repayments qabel ma biss inġibdu bħala self u anke l-faċilità ta' overdraft ġiet irtirata f'qasir żmien, u dan kif ser jirriżulta mill-provi; l-aġir qarrieqi tal-uffiċjali tal-Bank attur huwa s-suġġett tal-kontro-talba li qed issir kontestwalment;*

*3. Illi l-mod kif inħadmu u ġew applikati l-imgħaxijiet kien illegali u kontra l-prattika u l-konswetudni bankarja, u dan billi (i) ġew applikati rati ta' imgħax diskriminatorji u eċċessivi u x'aktarx punittivi; u (ii) baqgħu jiġu applikati imgħaxijiet fuq imgħaxijiet (compound interest) anke wara li l-overdraft facility ġiet imwaqqfa u saret il-call-in.*

*Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-Kontrotalba tal-konvenuti rikonvenzjonanti **Eurostar Co. Ltd. (C35940), Bartolomeo Bonnici (K.I. 770461M)** u ta' martu **Mary Bonnici (K.I. 151868M),** ippreżentata flimkien mar-Risposta Maħlufa tagħhom, li ġiet maħlufa minn Bartolomeo Bonnici stess, li tgħid kif ġej:

*Li a tenur tal-artikolu 396 tal-Kap. 12 qed jipprevalixxu ruħhom mill-azzjoni attriċi sabiex jipproponu s-segwenti kontro-talbiet tagħhom; u jesponu umilment u bil-ġurament tiegħu jikkonferma Bartolomeo Bonnici li jaf personalment bil-fatti segwenti:*

*1. Illi s-soċjetà konvenuta topera razzett għat-trobbija tal-fniek (rabbit farm); l-intimati Bonnici huma d-direttur tal-kumpannija u martu rispettivament;*

*2. Illi s-soċjetà konvenuta kienet topera minn razzett qadim li kien jeħtieġ investiment qawwi sabiex ikun jista' jikkonforma ruħu mal-istandards Ewropej in materja ta' sanità u ta' trobbija tal-annimali, u għal dan l-iskop kien neċessarju li r-razzett innifsu jitwaqqa' u jerġa' jinbena;*

*3. Illi għal dan l-iskop, is-soċjetà konvenuta investiet somom inġenti minn flus appartenenti lill-konjugi Bonnici u flus li l-konjugi Bonnici ssellfu mill-familjari tagħhom, kif ukoll applikat għal fondi mill-Unjoni Ewropea, liema fondi fil-fatt ġew approvati u ngħataw; iżda sabiex ikun jista' jiġi kkompletat il-finanzjament l-esponenti ħtiġilhom ukoll japplikaw għal self u overdraft facility mingħand il-Bank attur;*

*4. Illi l-esponenti, assistiti mill-awditur tagħhom Mr John Zammit, ippreżentaw il-proġett tagħhom lill-Bank attur u talbu mhux biss is-self u l-overdraft facility mertu tal-kawża odjerna, imma wkoll moratorium ta' sena qabel ma jibdew ir-repayments; huma spjegaw lill-Bank illi waqt illi r-razzett ikun qiegħed jiġi mwaqqa' u mibni mill-ġdid, l-istess razzett ma kien ser ikun qiegħed jiġġenera l-ebda introjtu, u li għalhekk kien essenzjali li jkun hemm tali moratorium;*

*5. Illi tali preżentazzjoni ġiet milqugħa tajjeb ħafna mill-uffiċjal tal-Bank attur, li assiguraw lill-esponenti li t-talba tiegħu kienet ser tiġi kkunsidrata favorevolment ħafna; meta ħarġet is-sanction letter, però l-esponenti nnutaw illi l-moratorium ma ssemma' imkien; f'dan l-istadju, l-esponenti oġġezzjonaw dwar dan il-fatt, billi l-moratorium kien essenzjali għall-proġett, u ġew assigurati minn André Catania, manager tal-bank attur li kien qiegħed jieħu ħsieb dan il-file, illi l-moratorium kien approvat u li ma kienx hemm problemi;*

*6. Illi l-partijiet ġew biex jiffirmaw il-kuntratti sija tas-self u sija tal-overdraft facility nhar is-26 ta' Mejju, 2010, l-esponenti reġgħu nnutaw illi l-moratorium miftiehem, ta' sena, ma kien jissemma' imkien, la fl-abbozzi tal-kuntratti nfushom u lanqas fl-iskritturi relattivi; huma pprotestaw u ma ridux jiffirmaw, imma l-istess Andre' Catania nsista magħhom illi l-moratorium kien approvat kif mitlub, li ma kienx ser ikun hemm problemi, u li jekk ma jiffirmawx dak il-ħin sttess jitilfu sija s-self u sija l-overdraft u b'hekk ġiegħelhom jiffirmaw kontra qalbhom u kontra l-parir tal-awditur tagħhom; ta' dan id-diskors kollu, l-esponenti għandhom xhieda sija lin-Nutar Dr John Spiteri u sija lill-awditur tagħhom Mr John Zammit;*

*7. Illi sussegwentement, irriżulta li l-moratorium kien approvat biss għal żmien xahrejn, u l-Bank attur beda jaqta' l-pagamenti mill-flejjes approvati mal-għeluq tax-xahrejn, meta l-proġett kien għadu fil-bidu tiegħu; b'hekk inħolqot għall-esponenti kriżi ta' likwidità artifiċjali; f'qasir żmien l-overdraft facility ġiet maxed out u mwaqqfa, u l-esponenti bdew jaqgħu lura fil-pagamenti tas-self;*

*8. Illi sal-lum il-ġurnata, il-figura globali pretiża mill-Bank attur hija inqas mill-ammonti mislufa oriġinarjament, u dan minħabba li l-esponenti biegħu assi tagħhom u raw kif għamlu biex iħallsu safejn possibbli sija l-imgħaxijiet u sija parti mill-kapital, imma anke l-imgħaxijiet baqgħu jiġu applikati b'mod irregolari u eċċessiv, kif fuq eċċepit, b'mod illi l-esponenti qatt ma setgħu jieħdu r-ruħ;*

*9. Illi l-esponenti jħossu li l-wegħdiet verbali, diskorsi u inveritajiet tas-Sur Andre' Catania, meħuda flimkien mal-pressjoni minnu eżerċitata biex l-esponenti jiffirmaw għall-obbligi mertu ta' din il-kawża mingħajr ma jkollhom konferma bil-miktub tal-moratorium imwiegħed jammontaw meħuda flimkien għal qerq u frodi fil-konfront tagħhom min-naħa tal-uffiċjal imsemmi, kif ukoll abbuż u malpractice bankarju grossolan;*

*10. Illi dan wassal biex l-esponenti inkorrew fil-penalitajiet stipulati kuntrattwalment bejn il-partijiet, u b'hekk sofrew dannu konsistenti fit-teħid tal-faċilitajiet bankarji mwiegħda u f'sitwazzjoni ta' kriżi ta' likwidità indotta intenzjonalment jew b'negliġenza grossolana mill-persuni li suppost kienu qed jgħinuhom;*

*Tgħid għaldaqstant is-soċjetà bankarja attriċi, rikonvenuta, għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja:*

*i. Tiddikjara li uffiċjal jew uffiċjali tal-Bank attur, fil-mansjoni uffiċjali tagħhom, għamlu mal-esponenti rappreżentazzjonijiet u wegħdiet li kienu inveritiera u/jew li ma ġewx onorati, b'mod illi l-kunsens tal-esponenti għall-kuntratti tas-26 ta' Mejju, 2010 (Dok. A2 u C2) ġie ottenut b'qerq u frodi u li ma nżammewx il-wegħdiet magħmula mill-istess uffiċjali jew uffiċjali lill-esponenti;*

*ii. Tiddikjara li l-mod kif il-Bank attur opera u ġġestixxa sija r-relazzjoni ta' mal-esponenti u sija l-kontijiet tagħhom imur kontra l-liġi, il-prattika u l-konswetudini bankarja; u*

*iii. Tiddikjara li b'dan l-aġir tal-uffiċjali tiegħu, il-Bank attur ikkaġuna danni lill-esponenti; tillikwida tali danni u tordna lill-Bank attur iħallas lill-konvenuti, atturi rikonvenzjonali, tali danni hekk likwidati.*

*Bl-ispejjeż, bl-imgħaxijiet legali, bl-inġunzjoni minn issa tar-rappreżentanti tas-soċjetà attriċi rikonvenuta in subizzjoni u bir-riserva ta' kull azzjoni legali ulterjuri li tkun neċessarja u opportuna.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-Bank attur rikonvenzjonat **HSBC Bank Malta plc** għall-kontrotalba tal-konvenuti rikonvenzjonanti, li ġiet ippreżentata fl-14 ta' April, 2015, b'dikjarazzjoni maħlufa minn Dr Ralph Agius Fernandez, li biha eċċepixxa:

*Illi t-talbiet rikonvenzjonali għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż għaliex:*

1. *Contra scriptum non est argumentum;*

2. *L-allegazzjonijiet ta' qerq u frodi u aġir irregolari huma kkontestati u inveritieri;*

3. *M'hemm l-ebda talba għar-rexissjoni tal-kuntratti dokument A2 u C2 għalhekk it-talbiet huma insostenibbli;*

4. *Kwalunkwe danni jridu jiġu ppruvati.*

5. *It-talbiet tal-intimati huma bla bażi legali u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.*

*Dikjarazzjoni tal-fatti maħlufa mill-avukat Dottor Ralph Agius Fernandez (K.I. 565688M):*

1. *Ir-relazzjonijiet bankarji bejn il-kontendenti huma regolati minn sanction letters u kuntratti esebiti mar-rikors ġuramentat;*

2. *Illi kwalunkwe ftehim dwar moratorium irid jirriżulta minn ftehim iffirmat jew ittra maħruġa mill-bank rikonvenzjonat;*

3. *Illi ma kien hemm ebda ftehim ta' moratorium stante li dan kieku eżista kien jirriżulta mis-sanction letters tal-Bank rikonvenzjonat;*

4. *Illi sussegwentement għall-pubblikazzjoni taż-żewġ kuntratti fis-26 ta' Mejju, 2010 esebiti bħala dokumenti A2 u C2 fid-29 ta' Lulju, 2011 l-intimata Eurostar Company Limited kif rappreżentata mill-intimat l-ieħor Bartolomeo Bonnici aċċettat bil-miktub il-kundizzjonijiet kollha għall-estensjoni tal-faċilitajiet bankarji mingħajr riserva u speċifikament mingħajr qatt ma semmiet xi ilment dwar moratorium imwiegħed;*

5. *Illi l-bank tramite l-uffiċjali tiegħu ġġestixxa r-relazzjoni tiegħu mal-intimati bl-aktar mod professjonali kif jiġi ppruvat fit-trattazzjoni tal-każ;*

6. *Illi qabel ma pproċeda b'dawn il-proċeduri l-Bank rikonvenzjonat bagħat interpellazzjonijiet uffiċjali però ma kellu ebda risposta jew indikazzjoni dwar xi kontestazzjoni.*

*Illi, konsegwentement, l-esponent ma kkawża ebda danni lill-intimat rikonvenzjonant iżda bil-kontra, huwa l-intimat rikonvenzjonant illi kkawża danni lill-esponent.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-10 ta' Jannar, 2018 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat in-nota ta' riduzzjoni ppreżentata mis-soċjetà attriċi fis-16 ta' Frar, 2018.

Rat in-nota ta' riduzzjoni ppreżentata mis-soċjetà attriċi fis-26 ta' Frar, 2018.

Rat in-nota ta' riduzzjoni ppreżentata mis-soċjetà attriċi fis-6 ta' April, 2018.

Rat in-nota ta' riduzzjoni ppreżentata mis-soċjetà attriċi fit-22 ta' Mejju, 2018.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet ippreżentata mis-soċjetà attriċi.

Ikkunsidrat:

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

Il-bank attur ipproċeda kontra l-konvenuti wara li dawn waqgħu lura fil-ħlasijiet ta' flus mislufa lis-soċjetà konvenuta u l-imgħaxijiet dovuti fuqhom,

liema faċilitajiet ta' self ġew impoġġija għad-dispożizzjoni tas-soċjetà konvenuta sabiex dawn ikunu jistgħu jagħmlu *upgrading* ta' razzett għat-trobbija tal-fniek li huwa n-negozju ewlieni li s-soċjetà konvenuta tiġġestixxi, u dan sabiex ir-razzett ikun konformi mal-istandards imposti mill-Unjoni Ewropea. Il-proġett innifsu kien jinvolvi t-twaqqigħ u l-bini mill-ġdid tar-razzett li s-soċjetà konvenuta ilha tiġġestixxi numru ta' snin, u in vista tal-fatt li din kienet ser tagħmel xi żmien mingħajr ebda introjtu min-negozju prinċipali tagħha, kienet talbet *moratorium* lill-bank sabiex ikollha perijodu li fih ma tagħmilx pagamenti tas-self mogħti lilha, u dan sakemm tiġi fuq saqajha.

Il-kwistjoni prinċipali bejn il-partijiet inqalgħet wara li s-soċjetà konvenuta għamlet talba lir-*relationship manager* tal-bank attur, ċertu André Catania sabiex il-bank jikkunsidra li jikkonċedilha perijodu ta' żmien li fih ma tagħmilx ħlasijiet lura tas-self *(moratorium).* Il-bank attur, permezz tax-xhieda ta' André Catania jgħid li din il-faċilità qatt ma ġiet konċessa u lanqas biss setgħet tiġi konċessa, u dan minħabba li s-self li ngħataw il-konvenuti kien marbut ma' proġett u finanzjament li kien ser jingħata f'parti sostanzjali minnu mill-Unjoni Ewropea, filwaqt li l-konvenuti jsostnu li kien hemm diversi istanzi fejn huma ngħataw l-impressjoni li l-*moratorium* kien ser jiġi konċess lilhom, aktar u aktar meta jidher li din il-faċilità ntalbet minnhom lil banek oħra u ma kienx hemm problema biex jingħatalhom *moratorium*. Ġara li l-konvenut Bartolomeo Bonnici ntalab imur il-bank sabiex jiġbor is-*sanction letter* ftit tal-ħin biss qabel ġie ffirmat il-kuntratt li bih is-soċjetà konvenuta ngħatat is-self mitlub minnha, u kien hemmhekk li l-konvenut Bartolomeo Bonnici induna li s-*sanction letter* ma kienet tagħmel l-ebda riferiment għal xi żmien li fih is-soċjetà konvenuta ma tagħmilx ħlasijiet lura lill-bank tal-flejjes mislufa lilha. Il-konvenuti jgħidu li s-suċċess tal-proġett li xtaqu jwettqu huma ta' *upgrading*

tal-faċilitajiet li huma kienu jiġġestixxu kien jiddependi ħafna mill-*moratorium* li talbu huma, u dan minħabba li għal żmien twil huma ma kellhom introjtu ta' xejn mir-razzett li kien hemm il-ħtieġa li jitwaqqa' u jinbena mill-ġdid. Il-bank attur min-naħa l-oħra jgħid li s-soċjetà konvenuta għamlet diversi varjazzjonijiet fil-pjanti kif approvati, kif ukoll għamlet xogħol li ma kienx previst fl-istadju li fih talbet l-faċilità ta' self mill-bank, u kien għalhekk li l-proġett inkwistjoni ma setax jirnexxi u l-konvenuti ma bdewx ilaħħqu mal-pagamenti mitluba minnhom. Il-qofol tal-kwistjoni jidher li huwa l-fatt li l-konvenuti straħu ħafna fuq il-*moratorium* li allegatament ġie mwiegħed lilhom verbalment minn uffiċjali tal-bank, liema wegħdi però ma kinux riflessi f'dak li ġie ffirmat bejn il-partijiet.

Il-kawża odjerna ġiet proposta minħabba li l-konvenuti bdew jaqgħu lura fil-pagamenti, u l-bank attur ipproċeda kontrihom b'mod solidali, sabiex jirkupra l-flus mislufa minnu.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Il-bank attur ipproduċa *affidavit* imħejji minn **André Pio Catania**[1], *manager procurement* tal-bank attur, fejn dan xehed li fis-sena 2008/2009 hu kien ir-*relationship manager* tal-bank attur għas-soċjetà konvenuta Eurostar Company Limited. F'dak iż-żmien hu kien inkarigat mill-monitoraġġ tal-applikazzjoni li għamlet Eurostar sabiex tiżviluppa impjant għat-trobbija tal-fniek ġewwa l-Magħtab, u l-bank kien ġie infurmat li s-soċjetà konvenuta

---

[1] *A fol.* 48 u 49.

kienet għamlet applikazzjoni għar-rifużjoni ta' 50% tal-proġett (li kien stmat li ser jiswa madwar tliet mitt elf Euro - €300,000) minn fondi tal-Unjoni Ewropea.

Fl-*affidavit* tiegħu, Catania sostna li hu qatt ma ltaqa' man-Nutar Spiteri, u li l-konvenuti konjugi Bonnici bl-ebda mod ma kienu mġiegħla jiffirmaw kontra r-rieda tagħhom is-*sanction letter* jew il-kuntratt li permezz tiegħu ħadu s-self mill-bank. Hu qal li r-raġuni li għaliha l-*moratorium* ma ngħatax kienet minħabba li l-proġett propost mill-konvenuti u li għalih kien hemm il-ħtieġa ta' self bankarju, kien marbut ma' proġett u fondi tal-Unjoni Ewropea, u għalhekk il-bank attur ma setax jikkunsidra li jagħti *moratorium* fuq il-ħlas lura tal-kapital jew tal-imgħax. Ix-xhud sostna li r-raġuni ewlenija wara l-falliment tal-proġett tas-soċjetà konvenuta kienet li bejn il-*cash flow statements* sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-bank attur mill-konvenut Bartolomeo Bonnici u l-proġett attwali kien hemm differenza kbira. Barra minn hekk lill-bank attur irriżultalu li l-konvenut kabbar l-impjant mingħajr ma kellu la l-finanzjament meħtieġ għal dan il-għan u lanqas ma kellu l-permessi neċessarji tal-Awtorità tal-Ippjanar.

Fir-rigward tal-applikazzjonijiet li saru min-naħa tal-konvenuti quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar, fil-fatt tela' jixhed **Oliver Magro**[2] li qal li kien hemm applikazzjoni quddiem l-Awtorità għat-twaqqigħ u l-bini mill-ġdid tar-razzett inkwistjoni.[3] Jirriżulta li huwa minnu li kien hemm *enforcement actions* fuq ir-razzett u l-art kontigwa miegħu[4], però azzjoni sabiex l-illegalitajiet li kien

[2] *A fol.* 51 sa 53.
[3] *A fol.* 55 sa 59.
[4] *A fol.* 54.

hemm jiġu sanati[5] ttieħdet qabel il-kwistjoni odjerna bejn il-bank attur u l-konvenuti.

Xhieda mogħtija mil-*Lending Services Manager* tal-bank attur, **Mario Victor (Marvic) Gauci**[6]**,** tikkonferma li l-bank attur kien ta total ta' tliet faċilitajiet ta' self lis-soċjetà konvenuta, u li għal dan is-self ġew applikati rati ta' imgħax li kienu r-rati kummerċjali fis-suq. Huwa spjega kif maż-żmien, is-soċjetà konvenuta bdiet taqa' lura fil-ħlasijiet u kien għalhekk li l-bank attur ipproċeda bil-ħruġ ta' ittri uffiċjali kontra s-soċjetà konvenuta u l-garanti tagħha, sabiex dawn jeffettwaw il-pagamenti meħtieġa. Ix-xhud ikkonferma li r-rata tal-imgħax applikata kienet dik ta' tmienja fil-mija (8%) u li l-bank ma kkapitalizzax l-imgħaxijiet, kuntrarjament għal dak allegat mill-konvenuti.

Ix-xhud **Mary Grace D'Amato,** impjegata bħala *EU Funds Manager* ġewwa l-*Agriculture and Payments Agency* tal-Għammieri, ikkonfermat[7] li s-soċjetà konvenuta rċeviet pagamenti li jammontantaw għal mija u disgħa u erbgħin elf, ħames mija u sebgħa u ħamsin Euro u għoxrin ċenteżmu (€149,557.20), u dan wara t-tkomplija tal-proġett inkwistjoni. Hija qalet li l-aġenzija li tirrappreżenta tkun tista' teffettwa tali ħlasijiet wara li jkollha l-prova li l-proġett ikun sar u li qiegħed jiffunzjona, kif ukoll li dak kollu li jkun sar ikun konformi mar-regoli tal-ippjanar u mal-liġijiet l-oħra tal-pajjiż.

Ix-xhud **André Pio Catania** xehed in kontroeżami[8] fejn spjega li meta lill-bank attur saritlu t-talba għall-faċilitajiet ta' self mis-soċjetà konvenuta, ġie

---

[5] *A fol.* 62 sa 65.
[6] *A fol.* 68.
[7] *A fol.* 80 sa 83.
[8] *A fol.* 109 sa 117.

kkunsidrat il-fatt li nofs il-pagament li kien ser isir kien ser jitħallas lura żgur mill-fondi tal-Unjoni Ewropea. Hu spjega li l-bank ma kellux il-libertà li fit-tħaddim ta' skemi governattivi bħal dik li applikaw taħtha l-konvenuti, japplika r-rati tal-imgħax li jrid, jew li jħaddem l-iskema kif irid, jew li jinnegozja rata ta' mgħax jew ta' ħlas lura tal-flus misulfa skont it-talbiet tal-klijent, għaliex din kienet skema speċifika:

> "Ir-rati huma diskrezzjoni tal-bank jiġifieri la l-EU u lanqas il-Malta Enterprise ma kienet timponi fuq il-bank, 'int trid tiċċarġja bit-tali rata.' Ma kien hemm l-ebda rata ta' sussidju. Ħadd ma kien jimponi rati fuq il-bank. Il-bank kien jagħmel skema skont kemm inti toħroġ flus. F'dan il-każ ittieħdet l-ogħla rata għar-raġuni sempliċi li l-front finance kien minimu jiġifieri hu ħa l-ammont kollu li inti tista' tieħu attaċċjat ma' dak in-negozju."

Ix-xhud kompla jispjega li l-bank ma kienx liberu li jinnegozja rati ta' mgħax favorevoli jew *moratorium* fuq talba speċifika ta' xi klijent, u dan minħabba li l-kundizzjonijiet u t-termini marbuta ma' self bħal dan, kienu jkunu pre-stabbiliti, u:

> "int ma tistax meta għandek *sanction letter* kważi lesta li kien jonqosha l-firem, qabel tiffirma tgħidli isma' tista' tnaqqaslu r-rata u tagħtini moratorju. In-negozjati mhux hekk isiru".

Ix-xhud kompla li mhix prassi bankarja li jintalbu konċessjonijiet tat-tip li ġew mitluba mill-konvenuti fil-każ in eżami:

> "Dawn riedu sena ma jħallsux imgħax. Dan ma tgħidx qalli tini moratorju, tini nofs l-imgħax, qalli jien irrid moratorju mhux fuq l-imgħax biss imma anke fuq il-kapital. Ara kif jista' jkun int toħroġ a six figure sum li suppost nofsha ħa tiġi lura mill-fondi tal-Unjoni Ewropea u int tħalli borrower, bir-rispett kollu lejn l-accountant, m'hawn l-ebda klijent f'Malta li jissellef somma flus ta' aktar minn kwart ta' miljun u tagħmel sena la tħallas imgħax u lanqas kapital."

Quddiem din ix-xhieda, l-avukat difensur tal-konvenuti staqsa kienx il-każ li l-uffiċjali tal-bank naqsu milli jinfurmaw lill-konvenuti li t-talba tagħhom ma kinitx ser tintlaqa' jew li mhijiex prassi tal-bank li jikkunsidra talbiet ta' dik ix-xorta, jew inkella ġie suġġerit lis-Sur Catania li fil-verità l-konvenuti baqgħu jiġu ttamati li ser jingħataw il-*moratorium* mitlub minnhom, sal-mument li fih ġie ffirmat il-kuntratt bejn il-partijiet, li kienet l-istess ġurnata li fiha l-partijiet ingħataw is-*sanction letter* li ma kienet tinkludi l-ebda provvediment għal xi perijodu li fih il-konvenuti setgħu ma jħallsux xi parti mill-pagamenti lura lill-bank attur. Ix-xhud André Pio Catania kkonferma li hemm każijiet eċċezzjonali fejn il-bank jikkunsidra li jagħti *moratorium* fuq l-imgħax, però dan il-każ kien wieħed differenti. Hu qal li sabiex jittaffa ftit mill-piż li sabu ruħhom fih il-konvenuti, hu personalment kien issuġġerixxa li tiġi ffirmata kostituzzjoni ta' debitu, liema proposta iżda baqgħet ma ntlaqgħetx, u għalhekk il-konvenuti baqgħu ma ngħatawx in-nifs li kellhom bżonn sabiex jibdew jiġġeneraw l-introjtu qabel jintalbu l-ħlasijiet lura tal-flus misellfa minnhom.

Ix-xhud **André Pio Catania** meta reġa' ttella jixhed mill-konvenuti[9], ikkonferma dak li kien diġà qal fl-*affidavit* tiegħu, li l-problemi tas-soċjetà konvenuta nqalgħu mhux minħabba li ma ngħatatx il-*moratorium*, iżda minħabba l-varjazzjonijiet li għamlet fil-proġett propost minnha:

> "Jien meta ħadt over il-Eurostar, il-kont kien tajjeb ħafna. Kien hemm loan żgħira li rajtha fis-sanction letter tal-2005 li kienet titħallas b'mod regolari. Dak kien dejn li l-Eurostar kien jiflaħ għalih, jiġifieri jien meta ħadtu over bħala kont ma kienx hemm problemi assolutament ta' xejn. Kif għidt id-drabi ta' qabel, biex nagħmel riassunt in a nutshell, il-problema nqalgħet mhux minħabba l-*moratoria* imma sempliċiment għax is-Sur Bonnici ma mexiex ma' dawk il-pjanti oriġinali li kellu mal-MEPA u waqqfulu l-fondi."

[9] *A fol.* 128 sa 131 u 271 sa 278.

L-awditur **John Zammit,** prodott mill-konvenuti xehed[10] b'mod estensiv dwar il-proġett li kellha s-soċjetà konvenuta li ħasset il-ħtieġa li ttejjeb il-livell tal-faċilitajiet tan-negozju tagħha konformement ma' standards Ewropej, u li qabel ma setgħet tirċievi ħlasijiet ta' fondi appożiti mill-Unjoni Ewropea, kellha toħroġ l-ispejjeż kollha hi bil-quddiem, u wara li jsiru l-verifiki tal-ispejjeż, tkun tista' titlob rimbors ta' parti mill-ispejjeż. Ix-xhud spjega li meta hu flimkien mal-klijent tiegħu, il-konvenut, marru għand il-bank attur sabiex jippruvaw jottjenu self minn hemmhekk, il-proposta tagħhom ma ntlaqgħetx mill-ewwel, u kien biss wara li saru negozjati ma' bank ieħor li reġa' avviċinahom André Catania, "speċi ta' ġie fuqna, ħa nagħtukom kundizzjonijiet aħjar, ejjew magħna, u ħafna affarijiet hekk". Ix-xhieda tal-awditur John Zammit tikkuntrasta bil-kbir ma' dak li xehed André Catania dwar id-diskors li sar mal-bank u x'ġie miftiehem bejn il-partijiet. L-awditur tal-konvenuti xehed illi:

> "Is-Sur Bonnici huwa relattivament żgħir bħala intrapriża allura hu għandu farm wieħed. Jekk dan jiġi biex jirranġah irid iwaqqa' kollox prattikament u jerġa' jibni kollox mill-ġdid allura ovvjament l-income tiegħu ħa jonqos ħafna. Allura biex iħallas lill-bank ser ikollu problema ... morna għand l-HSBC u kellimnihom fuq dawn il-punti li għandna hawnhekk ukoll. Jien ovvjament kont tlabt kundizzjonijiet aħjar, imma l-kundizzjoni prinċipali kienet il-moratorium ovvjament għal din ir-raġuni. L-HSBC qablu miegħi, kollox orrajt, no problem at all u aħna ovvjament ipproċedejna biex inkunu nistgħu niftħu l-*loans*. Lilna kienu ħa jagħtuna *moratorium* ta' sena jekk mhux sejjer żball, jiġifieri kienu aħjar minn tal-BOV. ... Dan id-diskors sar ma' André Catania u qalli 'issa nitkellem ma' ta' fuqi forsi nkunu nistgħu nestenduh għax jien impossibbli nidħol għal proġett bħal dan.' Għidtlu, 'meta naf li l-*cash flow* tiegħi ħa tkun batuta, impossibbli'. Hu qalilna, 'orrajt, no problem at all'. To cut a long story short, xi ħaġa li jien urtatni bl-ikrah, at one point in time dawn ċemplu lill-klijent u qalulu, 'ejja issa iva ħa tiffirma s-*sanction letter*', qisha ħa taqa' d-dinja. U l-klijent qabad u mar biex jiffirma s-*sanction letter* u hu mar u ffirmaha mingħajr ma ta kas ta' xejn. Meta

[10] *A fol.* 293 sa 308 u 315 sa 334.

> rajna s-*sanction letter*, skoprejna li kienu ħallewlu barra l-*moratorium*, l-iktar ħaġa importanti. Jiġifieri dak kellu jħallas direttament il-pagamenti mill-ewwel u jien għidtlu 'din mhux suppost kellhom jagħmluha'. Ċempilna lis-Sur Catania u qalilna 'issa naraw x'nistgħu nirranġaw.' Dawk il-kliem tiegħu eżatt u ma rranġaw xejn.
>
> Aħna meta ġejna biex nagħmlu l-kuntratt, lill-klijent tiegħi għidtlu, 'tiffirma xejn, tagħmilx żball ieħor qabel ma tkun ċert li jagħtuk il-*moratorium* għax importanti immens għaliex jekk ma jagħtukx il-*moratorium* m'hemmx ċans li tkampa jiġifieri'. Jekk int għandek asset li mhux jaħdem, mhux ħa tiġġenera l-flus u reġgħu qalulu 'mhux problema xejn, aħna ħa naħsbu biex nagħtuk il-*moratorium*. Aħna it's in the pipeline, kellimna lil ta' fuqna, ninety nine per cent ħa toħroġ, tista' tiffirma mingħajr problemi ta' xejn', u erġajna qgħadna fuq il-bank aħna. Għidna li jista' jiġri 'l quddiem nagħmlu *adjustment* għas-*sanction letter* jew għall-kuntratt u jkun il-*moratorium*. Tinsiex li at that point in time konna committed, jiġifieri kien diġà beda jagħmel l-*agreements* mal-kuntratturi, konna diġa' bdejna nwaqqgħu f'ċertu postijiet u ma stajniex immorru lura at that point in time, ma stajniex inċaqalqu."

Madankollu, kompla x-xhud, u minkejja dak li ġew imwiegħeda bil-fomm, il-*moratorium* ma kienx imniżżel fil-kuntratt, u meta l-konvenuti ġew daharhom mal-ħajt, kien hemm il-ħtieġa ta' aktar diskussjonijiet mal-bank, l-ewwel mat-taqsima tar-*Recoveries,* u wara, fuq insistenza ta' John Zammit stess, saret talba biex jerġgħu jiġu nnegozjati r-*repayment terms* tal-konvenuti. Ix-xhud John Zammit madankollu għamel allegazzjonijiet oħra fix-xhieda tiegħu, meta qal hekk:

> "L-ewwel ħaġa l-bilanċi li hemm hemmhekk iridu jiġu riveduti kollha għax l-ewwel bdew jaħdmu interessi fuq interessi li hija illegali, imbagħad biex iduru magħha dil-biċċa xogħol bdew jaqbdu l-interessi, jikkapitalizzawhom mingħajr ma jinfurmawna u mingħajr ma jagħtuna raġuni u jiġu jieħdu interessi fuq interessi. Allura dan spiċċa at the end of the day jekk tqabbel is-*sanction letter*, l-ammonti li kellu jieħu oriġinarjament u dak illum, illum kważi irdoppja jekk mhux ittrippla, jiġifieri l-bilanċi ... għalija din hi xi ħaġa li mhux aċċettabbli bir-rispett kollu. ... Imma jien nistenna li l-HSBC jittrattani b'dan il-mod? Jekk jagħtini garanzija l-manager, sa fejn naf jien anke jien bħala awditur jekk nagħti kelma lil

awditur ieħor jew lill-klijent, nistenna li tinżamm, m'hemmx għalfejn immur niffirma l-kuntratt."

Għall-mistoqsija in kontroeżami li saret mill-avukat tal-bank attur, dwar il-pariri li x-xhud bħala awditur tal-konvenuti, kien ta lill-klijent tiegħu, John Zammit wieġeb hekk:

"Jien għidtlu, 'jekk m'hemmx *moratorium* tkomplix'. Hu qalli 'jien kellimt lil André Catania u assigurani li ħa jirranġaw biex jagħtuna l-*moratorium*.' Aħna meta niddiljaw ma' banek, jekk il-bank jgħidlek bil-kelma 'Isma' ħa jiġri hekk, hekk jiġri'. Jien la lili tani l-assigurazzjoni persuna li qed jirrappreżenta lill-bank li l-*moratorium* kien ħa jiġi inkluż, jien awtomatikament qgħadt fuqu."

Xehed ukoll in-**Nutar John Spiteri**[11], li qal li huwa minnu li hu ppubblika l-kuntratt tas-26 ta' Mejju, 2010 dwar is-self mertu ta' din l-kawża, iżda ma ġiex mistoqsi dwar jekk kienx hemm xi inkontru li kien preżenti għalih hu, ma' André Catania, li matulu dan tal-aħħar ikkonferma li ser jikkunsidra l-*moratorium.* Ix-xhud ma setax jiftakar jekk kienx hemm telefonati għaddejjin waqt li hu kien qiegħed jippubblika l-kuntratt, jew inkella jekk kienx kellmu l-awditur tal-konvenuti qabel jew fil-ġurnata meta kellu jiġi ppubblikat il-kuntratt. Ix-xhud André Catania kien diġà xehed li hu qatt ma kellem lin-Nutar Spiteri jew iddiskuta l-*moratorium* fil-preżenza tiegħu, u dan minkejja dak li jgħidu l-konvenuti fid-dikjarazzjoni li ressqu mal-kontrotalba tagħhom.

Xehed ukoll il-konvenut **Bartolomeo Bonnici**[12] li kkonferma li fiż-żmien li fih ħa s-self inkwistjoni, is-sitwazzjoni kienet li jew iżarma min-negozju tal-fniek, jew

[11] *A fol.* 309 sa 312.
[12] *A fol.* 359 sa 375.

jinvesti u jtejjeb is-sistemi li kellu. Hu ddeċieda li jitlob fondi mill-Unjoni Ewropea biex ikun jista' jinvesti. Hu spjega x'ġara dakinhar tal-kuntratt:

> *"Imbagħad ġbart is-sanction letter li kont għadni ma rajthiex u bqajt sejjer fejn in-nutar għax bl-appuntament u bil-ħin. Lin-nutar għidtlu, 'hemm is-sentejn moratorju', u qalli 'hawn m'hawnx'."*

Il-konvenut Bartholomeo Bonnici kkonferma li hu ċempel lill-awditur tiegħu John Zammit, u kuntrarjament għal dak li xehed Zammit, li qal li hu ta parir lill-klijent biex ma jkomplix bl-iffirmar tal-kuntratt ladarba l-*moratorium* ma kienx inkluż fis-*sanction letter*, il-konvenut xehed li l-awditur tiegħu qallu biex ikompli bil-kuntratt, għar-raġuni li, *"La tak il-kelma, ħa jżommuha l-kelma dawn".*

## <u>Konsiderazzjonijiet legali</u>

Illi din il-Qorti tibda biex tosserva li filwaqt li l-konvenuti jilqgħu għat-talbiet tal-bank attur billi fl-eċċezzjonijiet tagħhom jgħidu li l-istess talbiet minnu magħmula fir-Rikors Maħluf ma jirriflettux il-ftehim milħuq bejn il-partijiet fix-xhur u fil-ġimgħat qabel ġie ffirmat il-kuntratt, madanakollu l-konvenuti ma jġibu l-ebda prova li dak li qiegħed jitlob il-bank attur f'din il-kawża, mhuwiex riflessjoni diretta ta' dak li ġie pattwit bejn il-partijiet fil-kuntratt tas-26 ta' Mejju, 2010. Din il-Qorti m'għandha l-ebda raġuni għal xiex tiddubita li verament kien hemm inkontri u abbokkamenti bejn il-partijiet fir-rigward tat-talba tal-konvenuti biex dawn jingħataw nifs qabel jibdew jagħmlu l-pagamenti mensili tagħhom. Madanakollu ma tistax ma tosservax li kien hemm nuqqas ta' għaqal kbir fl-aġir tal-konvenuti li ppersistew bl-iffirmar tal-

kuntratt u bl-aċċettazzjoni tas-self mill-bank skont il-kundizzjonijiet stipulati fil-kuntratt tas-26 ta' Mejju, 2010, meta dawn kienu konxji li t-termini li kienu qegħdin jiffirmaw għalihom ma kinux it-termini meħtieġa minnhom biex il-proġett li huma xtaqu jwettqu jkun jista' jitwettaq b'suċċess. Dak li għamlu l-konvenuti jmur kontra kull sens ta' raġuni, meta dawn saħansitra marru kontra l-pariri li ngħataw lilhom mill-awditur tagħhom, li diversi drabi wissiehom li jekk ma jingħatawx il-*moratorium*, ma kienx hemm mod kif il-proġett maħsub minnhom seta' jitwettaq b'mod vijabbli. F'dan ir-rigward għandu raġun il-bank attur jeċċepixxi li '*contra scriptum non est argumentum'* u li '*pacta sunt servanda.'* Huwa minnu li l-konvenuti jistgħu jirribattu għal dan bl-argument li kien il-bank li naqas li jonora t-termini tal-ftehim li allegatament sar bil-fomm, għalkemm din il-Qorti m'għandhiex għalfejn tiddubita mill-veraċità ta' dak li xehed André Pio Catania, li l-pożizzjoni tal-bank attur kienet regolata minn *policy* interna li ma kinitx tippermetti flessibbiltà u negozjar mal-klijenti dwar it-termini tal-ħlas lura ta' self sostanzjali li jingħata b'rabta ma' skemi governattivi u proġetti tal-Unjoni Ewropea. Madankollu jibqa' l-fatt li l-kuntratt iffirmat bejn il-partijiet għandu s-saħħa ta' liġi bejn il-partijiet. F'dan l-istadju il-Qorti tħoss li jkun ta' siwi li tislet minn dak li kienet qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza li tat fis-27 ta' Mejju, 2005 fl-ismijiet **Emmanuel Avallone vs Ċentru Speranza fl-Inkapaċitati**[13], fejn il-Qorti stabbiliet numru ta' prinċipji li ta' min wieħed iżomm f'moħħu f'materji ta' din ix-xorta:

> Ikun hawnhekk opportun li jiġu ribaditi ċerti prinċipji regolanti materja ta' kuntratti, jiġifieri li:

[13] 27.05.2005.

(1) F'materja kontrattwali l-ftehim hu liġi għall-partijiet kontraenti (Art. 992 (1) Kodiċi Ċivili) – **Carmelo Bajada *noe vs.* Fr Saviour Cachia *et noe*** – Appell Kummerċjali tas-16 ta' Lulju, 1973;

(2) Il-kuntratti għandhom jiġu esegwiti bil-bona fidi (Art. 993 tal-Kodiċi Ċivili, Vol. XXI pt. 1 pg. 283);

(3) Kontra l-miktub mhux ammissibbli provi mhux miktuba – iżda *'si ammette la prova testimoniale allo scopo di chiarire le oscurità, le ambiguita e le incertezze dell'atto contrattuale per rendere palese quali sia stata l'intenzione dei contraenti, poiché in tale case non si tratterebbe di prova orale in contradizzione od in aggiunta alla prova scritta, ma si tratterebbe invece di prova testimoniale tendente a confermare il contenuto dell'atto scritto ed a dimostrare la vera intenzione dei contraenti che da quell'atto, senza il sussidio della prova testimoniale, potrebbe risultare oscura od apparire incerta o ambigua'.* (Vol. XXV pt. 1, pg 150);

(4) Meta l-kliem ta' konvenzjoni meħud fis-sens li għandu skont l-użu fiż-żmien tal-kuntratt hu ċar ma hemmx lok għall-interpretazzjoni (Art. 1002 tal-Kodiċi Ċivili)[14];

(5) Meta s-sens letterali tal-kelma ma jaqbilx mal-intenzjoni tal-partijiet kif tkun tidher ċara mill-pattijiet meħudin flimkien, għandha tipprevali l-intenzjoni – 'Issa din ir-regola għandha tiġi sewwa apprezzata u applikata. Irid jirriżulta bla dubju illi s-sens tal-klawsola li tkun jista' jiġi biss interpretat b'mod univoku għax hu ċar. Irid jirriżulta wkoll li dan is-sens ċar tal-kliem ma jkunx jaqbel ma' dak li kellhom f'moħħhom il-partijiet kollha u mhux ma' dak biss li xi waħda mill-partijiet kellha f'rasha. U dan irid jidher ċar mill-pattijiet kollha tal-kuntratt meħudin flimkien (**Bartolo *et vs.* Petroni *et*** - Appell deċiż fis-7 t'Ottubru, 1997);

(6) Fl-applikazzjoni tar-regoli tal-interpretazzjoni ma hijiex l-interpretazzjoni tal-kontendenti għall-kliem tal-konvenzjoni jew is-sens divers minnhom lilhom mogħti li jiswa imma hu l-qari oġġettiv tal-ġudikant li jagħti lill-kliem is-sens ordinarju tiegħu fil-kuntest ta' kif ġie użat mill-kontraenti li jgħodd (**Zammit vs Zammit Tabona et**, Appell tat-28 ta' Frar, 1997).

[14] **General Cleaners Limited *vs.* Accountant General,** P.A., 29.11.2001: "Bħala prinċipju ġenerali, il-liġi u senjatament l-artikolu 1002 tal-Kodiċi Ċivili jgħid li meta l-kliem ta' konvenzjoni, meħud fis-sens li għandu skont l-użu fiż-żmien tal-kuntratt hu ċar, ma hemm lok għall-ebda interpretazzjoni. Il-prinċipju kardinali li jirregola l-istitut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali għandu jiġi rispettat u li hi l-volontà tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tiġi osservata – pacta sunt servanda."

Minn dan isegwi li meħuda fit-totalità tagħhom, il-provi prodotti kif ukoll ix-xhieda mogħtija verbalment, ma jħallu l-ebda dubju dwar l-intenzjoni vera tal-partijiet kontraenti u dwar it-termini maqbula minnhom. U għalkemm jista' jagħti l-każ li l-konvenuti ma kinux konvinti mill-pass li qegħdin jagħmlu, tant li saħansitra wara li ffirmaw il-kuntratt baqgħu jittamaw li l-bank ibiddel fehemtu u jikkonċedilhom perijodu ta' żmien li fih ma jagħmlux pagamenti lura tal-ammonti mislufa lilhom, madankollu xejn ma jħassar dak li ġie pattwit bejn il-partijiet bil-mod skritt, iġifieri li l-ammont misluf għandu jitħallas lura skont it-termini tas-*sanction letter* li ġiet iċċitata fil-kuntratt. Il-Qorti ftit tara loġika fil-fehma tal-konvenuti li l-bank attur seta' b'xi mod jiddipartixxi mit-termini tas-*sanction letter* u jvarja t-termini hemm maqbula saħansitra anki wara li jiġi ffirmat il-kuntratt, għaliex kieku jistgħu jsiru dawn l-affarijiet, is-*sanction letters* li jinħarġu mill-banek għall-kunsiderazzjoni tal-partijiet li jitolbu l-ottjeniment ta' self mill-banek, ma jkollhom l-ebda saħħa legali.

Hi l-fehma kkunsidrata tal-Qorti li anki l-mod kif inħadmu l-imgħaxijiet mill-bank ma kienx wieħed illegali jew wieħed li jmur kontra l-prattiċi bankarji. Għall-kuntrarju, ix-xhud **Marvic Gauci** spjega fl-*affidavit* tiegħu[15], il-mod kif il-bank ħadem l-imgħaxijiet kummerċjali u l-fatt li l-bank fl-ebda waqt ma kkapitalizza l-imgħaxijiet dovuti. Lil dan ix-xhud, il-konvenuti lanqas kontroeżami m'għamlulu. Minkejja din l-ispjega da parti tal-bank attur, l-awditur tal-konvenuti, John Zammit fix-xhieda tiegħu jitfa' dubji dwar il-mekkaniżmu li jħaddem il-bank fl-allokazzjoni tal-fondi li jitħallsu lura minn min jissellef, meta jiġi biex jistabbilixxi jekk fondi partikolari għandhomx jitħallsu f'*overdraft account* jew f'*loan account*, mingħajr ma jispjega ċar

[15] *A fol.* 67.

f'liema stadju l-bank attur naqas milli jadempixxi mal-obbligi tiegħu fil-konfront tal-klijenti tiegħu, il-konvenuti. Minflok ix-xhud jgħid li kważi kważi kien ikun aħjar għall-klijenti tiegħu li jissellfu l-ammonti li kellhom bżonn minn fuq l-idejn.

In vista ta' dawn l-allegazzjonijiet da parti tal-konvenuti, huma ressqu kontrotalba sabiex din il-Qorti tiddikjara li kien hemm qerq u frodi da parti tal-bank attur jew xi wieħed mill-uffiċjali tiegħu, u li kien hemm abbuż u *malpractice* bankarju, u fid-dawl ta' dan qegħdin jgħidu li sofrew dannu, liema dannu iżda ma ġiex ikkwantifikat. Lil din il-Qorti jirriżultalha li dakinhar li ġie ffirmat il-kuntratt mill-konvenuti, dawn kienu mgħarrfa bit-termini li kienu sejrin jiffirmaw għalihom, partikolarment dwar il-fatt li ma kinux qegħdin jingħataw *moratorium* għall-ħlas lura tal-flus mislufa lilhom. Dwar dan ta xhieda dettaljata l-konvenut Bartolomeo Bonnici nnifsu, li qal li kien ikkonvinċa ruħu li għandu jiffirma l-kuntratt għaliex emmen li b'xi mod it-termini tal-kuntratt setgħu jiġu varjati f'xi stadju wara l-pubblikazzjoni tiegħu. Il-konvenut Bartolomeo Bonnici jidher li kien konvint li għandu jagħmel dan wara parir li ħa mingħand l-awditur tiegħu, u dan minkejja li t-tnejn li huma kienu jafu li l-proġett propost ma seta' qatt ikun vijabbli jekk il-*moratorium* ma jingħatax. Madankollu minkejja t-termini u l-kundizzjonijiet li kienu jafu li qegħdin jiffirmaw għalihom, it-tnejn li huma ħassew li għandhom jistrieħu fuq l-allegata promessa li saret da parti ta' uffiċjal tal-bank, li l-fatt kompjut seta' b'xi mod jiġi varjat wara li l-kuntratt ikun ippubblikat min-nutar. Min-naħa l-oħra l-istess uffiċjal tal-bank attur xehed li r-raġuni vera u proprja għaliex il-konvenuti ma setgħux jaderixxu mal-obbligi kuntrattwali li ffirmaw għalihom, kienet li huma stess naqsu milli jikkonformaw mal-projezzjonijiet oriġinali li

kienu saru minnhom, b'tali mod li kien hemm dewmien biex huma setgħu jipperċepixxu l-ħlas lura ta' dak li kellhom jirċievu mill-fond Ewropew li kien qiegħed jikkofinanzja proġetti ta' din ix-xorta.

Illi skont l-artikolu 981 tal-Kodiċi Ċivili:

> "L-għemil doluż huwa motiv ta' nullità tal-ftehim, meta l-inganni magħmulin minn waħda mill-partijiet ikunu tali illi mingħajrhom il-parti l-oħra ma kinitx tikkuntratta."

Fis-sentenza fl-ismijiet **Josephine Galea *et vs.* AIC Walter Caruana Montalto**[16], intqal hekk:

> "Il-qerq ma hu qatt preżunt, imma għandu jiġi ppruvat minn min jallegah. Biex jiġi stabbilit u pruvat il-qerq trid issir il-prova illi l-parti l-oħra użat sienter raġġiri frawdolenti u artifizji li kienu gravi."

Kif ingħad fis-sentenza **Transcontinental Properties Limited vs European School of English Limited**[17]:

> "Sabiex ikun hemm qerq jew raġġiri mhux biżżejjed il-predominju ta' parti fuq l-oħra sabiex iġġiegħelha tidħol fil-kuntratt imma huwa meħtieġ l-element speċifiku kosistwit minn rappreżentazzjonijiet foloz, artifizji frawdolenti, mill-qerq użat bħala mezz sabiex tiġi raġġirata l-iskarsa intelliġenza tal-parti l-oħra. Fi kliem ieħor, l-ingann irid ikun il-kawża determinanti li ta lok għall-ftehim li għaqqad in-negozju."

[16] P.A., 16.12.1970.
[17] P.A., 14.10.2002.

Kif intqal f'sentenza oħra aktar riċenti, fl-ismijiet **Roy Grixti vs Joshua Grima**[18]:

> "Fil-qerq il-kunsens jingħata riżultat ta' rieda ħażina ta' waħda mill-partijiet għall-kuntratt u li topera permezz ta' raġġiri, u li tiddevja r-rieda tal-parti l-oħra billi ddaħħalha fi żball."

Rinfaċċjata b'dawn l-insenjamenti u bil-provi li tressqu matul il-kawża, din il-Qorti mhix konvinta li da parti tal-bank attur kien hemm raġġiri jew artifizji frawdolenti sabiex iġiegħlu lill-konvenuti jiffirmaw il-kuntratt mertu ta' dawn il-proċeduri. Anki li kieku kien hemm wegħdiet da parti ta' xi uffiċjal tal-bank li dak mitlub mill-konvenuti seta' jiġi kkunsidrat, il-fatt waħdu li s-*sanction letter* maħruġa mill-bank u li abbażi tagħha sar il-kuntratt tas-self, ma kienet issemmi xejn mit-termini li ppruvaw jinnegozjaw dwarhom il-konvenuti, kien indizju ċar li l-bank attur ma kienx qiegħed jaċċetta li jagħti self bil-kundizzjoni li xtaqu l-konvenuti. Li kieku l-*moratorium* mitlub ġie konċess fis-*sanction letter* iffirmata mill-partijiet jew li kieku t-termini tal-kuntratt kienu tali li jindikaw li l-*moratorium* qiegħed jingħata, iżda sussegwentement il-bank attur ġab ruħu b'mod li ppretenda ħlasijiet li ma kienx hemm qbil dwarhom, dik kienet tkun storja oħra. Iżda minn dan kollu ma rriżulta xejn mill-provi, u għaldaqstant il-Qorti ma tqisx li kien hemm xi qerq jew frodi da parti tal-bank jew ta' xi ħadd mill-uffiċjali tiegħu.

Minkejja li hu minn ewl id-dinja li l-konvenuti sofrew xi forma ta' preġudizzju minn dan kollu li ġara, madankollu din il-Qorti mhijiex konvinta li l-preġudizzju soffert hu riżultat dirett tal-aġir tal-bank attur, iżda aktar jirriżulta li l-

[18] P.A., 12.12.2014.

preġudizzju soffert mill-konvenuti hu frott ta' deċiżjonijiet irrazzjonali u mgħaġġlin li ħadu huma kontra l-pariri esperti li ngħatawlhom.

Il-Qorti qieset ukoll li fi stadju pjuttost tardiv ta' dawn il-proċeduri s-soċjetà konvenuta għamlet diversi pagamenti in riduzzjoni parzjali tal-kreditu dovut lill-bank attur. Fit-12 ta' Marzu, 2018 is-soċjetà konvenuta għamlet *lump sum payment* sostanzjali ammontanti għal tnejn u disgħin elf Euro (€92,000), fil-15 ta' Marzu, 2018 għamlet żewġ pagamenti oħrajn ta' ħdax-il elf, tliet mija u tmienja u għoxrin Euro (€11,328) u ta' disa' mija u tletin Euro u wieħed u disgħin ċenteżmu (€930.91) rispettivament u fil-15 u fis-17 ta' Mejju, 2018 għamlet erba' pagamenti oħrajn ammontanti għal dsatax-il elf tliet mija u erba' Euro u tlettax-il ċenteżmu (€19,304.13).

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti;**

2. **Tiddikjara lis-soċjetà konvenuta Eurostar Co. Limited, bħala debitriċi prinċipali, u l-konvenuti Bartholomeo u Mary konjuġi Bonnici bħala garanti solidali, huma debituri solidalment bejniethom fil-konfront tal-bank attur fis-somma globali ta' mija u tlieta u sittin elf, disa' mija u ħmistax-il Euro u sbatax-il ċenteżmu (€163,915.17), liema somma tinkludi l-imgħax dovut mill-konvenuti sas-17 ta' Mejju, 2018;**

**3. Tikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom iħallsu l-imsemmija somma ta' mija u tlieta u sittin elf, disa' mija u ħmistax-il Euro u sbatax-il ċenteżmu (€163,915.17);**

**4. Tikkundanna lill-istess konvenuti solidalment bejniethom iħallsu lill-bank attur l-imgħax ulterjuri ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq il-kapital fuq dovut mis-17 ta' Mejju, 2018 sal-pagament effettiv.**

**5. Tilqa' l-eċċezzjonijiet mogħtija mill-bank attur rikonvenzjonat għall-kontratalbiet tal-konvenuti rikonvenzjonanti;**

**6. Tiċħad it-talbiet kollha tal-konvenuti rikonvenzjonanti fil-kontrotalba tagħhom.**

**Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittri uffiċjali tal-14 ta' Frar, 2014, kontra l-konvenuti.**

Moqrija.